

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-11 ta' Ottubru 2016 – Søndagsavisen vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-167/14)<sup>(1)</sup>

("Għajnuna mill-Istat — Skema ta' għajnuna favur il-produzzjoni u l-innovazzjoni fil-qasam tal-istampa miktuba — Deċiżjoni li ma jitqajjmux oġġezzjonijiet — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern — Drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati — Assenza ta' diffikultajiet serji — Obbligu ta' motivazzjoni")

(2016/C 428/14)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Søndagsavisen A/S (Søborg, id-Danimarka) (rappreżentanti: inizjalment minn M. Honoré u C. Fornø, sussegwentement minn M. Honoré, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Grønfeldt u B. Stromsky, aġenti)

Parti konvenuta insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: C. Thorning, aġent, assistit minn R. Holdgaard, avukat)

#### **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 7870 finali, tal-20 ta' Novembru 2013, dwar l-iskema ta' għajnuna mill-Istat SA.36366 (2013/N) innotifikata mir-Renju tad-Danimarka favur il-produzzjoni u l-innovazzjoni fil-qasam tal-istampa miktuba.

#### **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Søndagsavisen A/S hija kkundannata tħallas l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Renju tad-Danimarka għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 223, 14.7.2014.

---

### Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-11 ta' Ottubru 2016 – Perry Ellis International Group vs EUIPO – CG (p)

(Kawża T-350/15)<sup>(1)</sup>

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tista' tiġi pperċepita bħala l-ittra 'p' — Trade marks tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali figurattivi preċedenti P PROTECTIVE u P — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]

(2016/C 428/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Perry Ellis International Group Holdings Ltd (Nassau, il-Bahamas) (rappreżentanti: O. Günzel, V. Ahmann u C. Tenkhoff, avukat)

*Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Stoyanova Valchanova, M. Fischer u D. Gája, aġġenti)*

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: CG Verwaltungsgesellschaft mbH (Gevelsberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Körber u T. E. Vlah, avukati)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-28 ta' April 2015 (Każ R 2441/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn CG Verwaltungsgesellschaft u Perry Ellis International Group Holdings.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Perry Ellis International Group Holdings Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 270, 17.8.2015.

## Digriet tal-Qorti Ġeneral tal-11 ta' Ottubru 2016 – Guccio Gucci vs EUIPO – Guess? IP Holder (Rappreżentazzjoni ta' erba' G imxebilkin)

(Kawża T-461/15) (<sup>1</sup>)

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta erba’ G imxebilkin — Trade marks tal-Unjoni Ewropea, nazzjonali u internazzjonali figurattivi preċedenti G — Raġuni relativa għal rifjut — Nuqqas ta’ xebha tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 428/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: Guccio Gucci SpA (Firenze, l-Italja) (rappreżentanti: P. L. Roncaglia, F. Rossi u N. Parrotta, avukati)

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Bonne, aġġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Guess? IP Holder LP (Los Angeles, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: D. McFarland, barrister)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Mejju 2015 (Każ R 2049/2014-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Guccio Gucci u Guess? IP Holder.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.